# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Marzu 2000**

**Numru: 2**

**Citaz. numru 1506/94 JF**

**Albert LATEO u martu Nadia Lateo (zieda awtorizzata b'digriet tas-6 ta' Dicembru 1995).**

**vs**

**Anthony MONTEBELLO, ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Concrete Mix Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm410) rappresentanti ammont dovut bhala "retainer fee" ghax-xhur ta' Awissu, Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) ghal servizzi ta' "accountancy" rezi fuq inkarigu tieghu, u dan skond kopja ta' statement li jgib id-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April elf disa' mija erbgha u disghin (1994) hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

Premess illi ghalkemm interpellat biex ihallas anke ufficjalment, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti.

TALAB li din il-Qorti:

1. tikkundanna ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm410) rappresentanti ammont dovut bhala "retainer fee" ghax-xhur ta' Awissu, Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) ghal servizzi ta' "accountancy" rezi fuq inkarigu tieghu u dan skond kopja ta' statement li jgib id-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April elf disa' mija erbgha u disghin (1994) hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja li ggib id-data tal-4 ta' Mejju 1994, tal-ittra ufficjali li ggib id-data tas-6 ta' Lulju 1994, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat

kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut nomine.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Anthony Montebello nomine fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur bhala ragel mizzewweg ai termini tal-Ligi kellu jaghmel l-istess kawza ukoll f'isem martu u ghalhekk il-giudizzju mhux integru.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li tali ammont mhux dovut peress li mhux minnu li l-attur irrenda servizzi ghax-xhur hemm indikati kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont rikjamat ukoll mhux dovut stante li ma rrendiex is-servizzi ta' accountancy li kienu gew mifthema bejn il-partijiet, liema ftehim kien jinkludi attendenza fil-fabbrika ghal xoghol ta' accountacy, liema attendenza kienet kwazi mankanti ghal kollox fix-xhur indikati kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat li l-attur ghandu jaghti lill-eccipjenti l-ammont ta' Lm450 rappresentanti valur ta' computer programme SAGE

STERLING RANGE 5 li l-istess attur ikkopja minghand l-eccippjenti nomine u a rigward tal-istess l-eccippjenti qed jipprezenta kontro-talba ma' din in-Nota tal-Eccezzjonijet. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta mill-eccipjenti nomine ma huwiex debitur ta' l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-Kontro-talba ta' Anthony Montebello ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' Concrete Mix Limited kontra Albert Lateo.

Jesponi bir-rispett:

Billi Anthony Montebello nomine huwa kreditur tal-attur rikonvenzjonat fl-ammont ta' Lm450 rappresentanti valur ta' computer programme tal-marka SAGE STERLING RANGE 5 li l-istess attur ikkopja minghand Anthony Montebello nomine minghajr il-kunsens tal-istess Anthony Montebello nomine u bla ma hallas ebda kumpens lill-istess socjeta'.

Billi bl-ikkupjar tal-istess programm l-attur Albert Lateo ha l-beneficcju kollu tal-istess programm u ghalhekk arrekixxa lilu nnifsu bla ma hallas kumpens lis-socjeta' Concrete Mix Limited liema kumpens jikkonsisti fil-valur tal-istess programm.

Jghid l-attur Albert Lateo ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti:

1. Ihallas lis-socjeta' Concrete Mix Limited l-ammont ta' Lm450 rappresentanti valur ta' computer programme SAGE STERLING RANGE 5 li kkopja minghand is-socjeta' Concrete Mix Limited u utilizza ghall-iskop personali tieghu minghajr il-permess tal-istess socjeta' u b'hekk arrikixxa lilu nnifsu fil-valur tal-istess computer programme.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 20 ta' Lulju 1994 u bl-imghax legali sal-effettiv pagament.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attur Albert Lateo ghall-kontro-talba tal-konvenut Anthony Montebello nomine fejn ecceppixxa:

1. Illi l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stanti li mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat ikkopja "computer programme" tal-marka "Sage Sterling Range 5", u dan jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi kien l-attur rikonvenzjonat innifsu li rrakomanda lill-konvenut nomine biex jixtri "computer programme" tal-marka "Sage Sterling Range 5" minghand AGS Company li maghha kellu konnessjonijiet professjonali, u fil-fatt kien mar mieghu ghand id-ditta imsemmija biex jixtri dan is-Sage software.

3. Illi l-attur rikonvenzjonat kien jippossjedi "Sage Software" ferm qabel ma beda jrendi servizzi professjonali lis-socjeta' konvenuta, u minhabba l-assocjazzjoni tieghu mad-ditta imsemmija, kien dejjem ikollu l-aktar software avvanzat. Ghaldaqstant zgur ma kellux il-htiega li jikkopja s-software tal-konvenut nomine.

4. Illi mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat arrekixxa lilu nnifsu ghaliex ha xi beneficcju mill-programme hawn fuq imsemmi, u dan minhabba r-ragunijiet hawn fuq premessi u skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza, u ghalhekk m'ghandu jithallas ebda kumpens lis-socjeta' Concrete Mix Limited.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li kwantu ghall-ewwel eccezzjoni ta' natura legali, din giet irtirata formalment wara li ntalbet u saret addizzjoni korrettiva fl-okkju tal-kawza bl-isem ta' mart l-attur bhala ko-attrici - ara verbal tas-6 ta' Dicembru 1995.

Illi, fil-mertu, bhala provi tressqu biss xhieda u provi min-naha tal-atturi. Ghalkemm moghti kull opportunita' li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu, kif ukoll il-kontro-talba, l-konvenut nomine l-anqas almenu deher biex isegwi l-kawza u l-anqas ma tella' l-icken prova biex isostni dak li eccepixxa u li talab.

Illi kemm minn dak li l-attur xehed, kif ukoll mid-dokumenti li gew esebiti, jirrizulta sufficjentement ippruvat li dak li qed jitlob l-attur huwa attendibbli u dovut realment. Bil-maqlub dak li talab il-konvenut nomine fil-kontro-talba u dak li eccepixxa ma jirrizultax fondat u certament ma giex ippruvat. L-attur iddimostra li l-prospett a fol 4 tal-process jirrifletti x-xoghol kollu ta' "accountancy" li ghamel b'inkariku tal-konvenut nomine, li tieghu baqa' minghajr hlas, u li dak li eccepixxa u talab il-konvenut nomine fil-kontro-talba dwar l-apparat tal-kompjuter ma giex ippruvat;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u l-kontro-talba tieghu, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u ghall-ammont mitlub u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas dana l-ammont bl-interessi legali mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Il-Kap tal-Ispejjez jithallas mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.